An Australian Government Initiative

MALTESE

# PRODOTTI TAL-KONTINENZA

Tlieta minn kull erba' persuni li jbatu minn problemi tal-kontroll tal-imsaren u tal-bużżieqa tal-awrina jistgħu jitfejqu jew jiġu mgħejjuna biex ikunu jistgħu jimmaniġġjaw aħjar il-problema tagħhom.

## X'INHUMA L-PRODOTTI TAL-KONTINENZA?

Il-prodotti tal-kontinenza jintużaw biex jimmaniġġjaw is-sintomi ta' kontroll dgħajjef tal-bużżieqa tal-awrina u tal-imsaren. Huma jistgħu jintużaw għal żmien qasir biex jgħinuk waqt li tkun qed tiġi kkurat jew għal żmien twil jekk il-kontroll dgħajjef tal-bużżieqa tal-awrina u tal-imsaren ma jkunx jista' jitfejjaq.

Il-konsulenti tal-kontinenza jafu dwar firxa wiesgħa ta' prodotti li jistgħu jgħinu fl-immaniġġjar tal-problemi tal-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina jew tal-imsaren. Huma jistgħu jgħinuk tagħżel prodott li jagħtik protezzjoni u konfidenza fil-ħajja tiegħek ta' kuljum.

It-tabib jew il-konsulent tal-kontinenza tiegħek jistgħu jffittxu l-kawża tal-problema tiegħek u joffrulek xi kura. Jekk ma tagħmel xejn u sempliċiment tuża l-pads jew prodotti oħra tal-kontinenza mingħajr ma tipprova l-kura, il-problema tiegħek ser tmur għall-agħar.

## X'TIPI TA' PRODOTT TAL-KONTINENZA HEMM FIS-SUQ?

### Pads u qliezet ta' taħt li jassorbixxu

Hemm għażla wiesgħa ta' pads u qliezet ta' taħt differenti skont id-daqs u l-kapaċità ta' kemm jassoribixxu awrina. Xi pads għandhom jintużaw darba biss, u mbagħad jintremew. Xi pads u qliezet ta' taħt oħra jistgħu jinħaslu u jintużaw ħafna drabi. Int tista' tikseb qliezet ta' taħt speċjali li jkollhom mesh/xibka li ma jħallux il-pads milli jaqgħu. Xi pads għandhom strixxi li 'jeħlu' u jaqbdu mal-qliezet ta' taħt biex iżommu l-pad f'postu.

### Liżar u coverstas-siġġijiet li jassorbixxu

Fil-każ ta' dawn il-prodotti, is-saf ta' fuq li hu l-eqreb tal-ġilda, jħalli l-awrina tgħaddi, imma jibqa' niexef waqt li s-saffi aktar baxxi jixorbu l-awrina. Mhux suppost jintużaw fl-istess ħin mal-pads li jintużaw u jistgħu jintremew, għax huma l-aktar effettivi meta l-ġilda tmiss eżatt mal-liżar.

**L-għant li jintlibes fuq il-pene/kateters esterni**

L-għantijiet tal-pene huma magħmulin minn silikon u l-biċċa l-kbira minnhom jeħlu waħidhom u huma llinjati b'kolla mhux tal-lattiċe li teħel mal-pene. L-ieħor, in-naħa l-miftuħa tal-għant tiġi kkonnettjata ma' borża mar-riġel fejn l-awrina tkun tista' titbattal.

Jekk ir-raġel kapaċi jimxi, tista' tintuża, borża mar-riġel li tkun moħbija taħt il-ħwejġu. Il-għant jista' jiġi kkonnettjat ma' borża ta' żewġ litri biex jitbattal matul il-lejl. Ir-reazzjonijiet tal-ġilda jistgħu jidru minn ġos-silikon trasparenti hekk kif iseħħu. Boroż li jikkonnettjaw mal-għant għandhom ikollhom tubu b'toqba wiesgħa biex iħalli l-awrina tinżel fil-borża u ma jkun hemm l-ebda fluss lura fil-għant li jista' jħollha. Boroż li jintlibsu mar-riġel għandhom jitwaħħlu sewwa mal-koxxa jew il-parti aktar baxxa tar-riġel biċ-ċingi li jiġu mal-borża u jitbattlu qabel ma jsiru tant tqal li jitqaċċtu mill-għant.

**Prodotti oħra li jgħinu fl-użu tat-tojlit**

Patelli u awrinari (it-tip tal-irġiel u tan-nisa) jistgħu jintużaw jekk int ma tistax tqum mis-sodda. Awrinar magħluq f'siġġu jista' jitpoġġa ħdejn is-sodda bil-lejl u jkun ta' siwi jekk ma tistax timxi sat-tojlit . Sedil tat-tojlit u siġġijiet mgħollijin li jistgħu jitpoġġew fuq it-tojlit jistgħu jgħinuk jekk int issibha bi tqila tpoġġi fuq tojlits baxxi.

## X'GĦANDEK IŻŻOMM F'MOĦĦOK META TKUN QED TAGĦŻEL PRODOTT TAL-KONTINENZA?

L-aqwa prodott hu dak li hu effettiv, hu komdu u jgħinuk tgħaddi ħajja normali. Meta tkun qed tagħżel prodott tal-kontinenza, int għandek taħseb dwar:

**1. Il-problema individwali tiegħek tal-kontroll tal-imsaren jew tal-bużżieqa tal-awrina**

L-għażla tiegħek tal-prodott ser tiddependi fuq il-bżonnijiet tiegħek tal-kontroll f'kwalunkwe ħin. Agħżel pad li ser iżżomm l-ammont t'awrina li tista' tgħaddi u tbiddlu hekk kif jixxarrab. Dan hu aħjar għalik u irħas minn wieħed kbir u li tħallih fuqek għal ħafna sigħat. Meta tilbes pads imxarbin bl-awrina jew kakka, dawn jistgħu jikkawżaw raxxijiet fil-ġilda jew infezzjonijiet tal-bużżieqa tal-awrina. Barra minn dan, tkun tista' titnaqqas kull riħa jekk il-pad jinbidel hekk kif jixxarrab jew jitħammeġ u l-ġilda titlaħlaħ u titnixxef qabel ma jintuża pad ġdid. Agħżel pad li m'għandux għata tal-plastik ikkulurita li tkun tidher minn ġo ħwejjeġ tal-kuluri ċari jew li jħaxħxu meta tiċċaqlaq.

**2. L-istil tal-ħajja personali tiegħek**

Il-bżonnijiet personali tiegħek għax-xogħol, tad-dar u tal-ħajja soċjali tiegħek għandhom jiggwidawk ukoll fl-għażla tiegħek tal-prodotti. Il-konsulenti tal-kontinenza jistgħu jgħinuk b'pariri dwar prodotti speċjali li għandek tuża meta tilgħab sport jew tivvjaġġa distanzi twal.

### 3. Il-mobilità tiegħek

Il-firxa wiesgħa ta' prodotti tfisser li int għandek bżonn taħseb dwar id-drawwiet u l-ħiliet tiegħek biex tagħżel l-aqwa prodott għall-problema tiegħek. Tali affarijiet bħal kemm hu faċli għalik li tmur it-tojlit jew kemm issibha faċli tibdel il-pads jistgħu jgħinuk biex jiggwidawk tagħmel l-għażla t-tajba tal-prodott li jgħodd għalik. Hemm ħafna tipi ta' prodotti, u ser ikun hemm wieħed minnhom li jiġik pinġut.

### 4. Provista tal-prodotti

Xi prodotti tal-kontinenza jistgħu jinxtraw mis-supermarkets jew mingħand l-ispiżjar, waqt li oħrajn jistgħu jinxtraw faċilment minn provvedituri speċjalisti mediċi. Int għandek mnejn ikollok bżonn l-għajnuna speċjalizzata biex tagħżel dak li jgħodd għalik. Ikkuntattja lill-**Linja Nazzjonali tal-Għajnuna bit-Telefown dwar il-Kontinenza (Telefonata Bla Ħlas 1800 33 00 66)** li jagħtuk parir jew iqabbduk ma' konsulent tal-kontinenza fiż-żona tiegħek.

### 5. Rimi

Il-biċċa l-kbira ta' prodotti li jintużaw u jistgħu jintremew jistgħu jintremew maż-żibel normali tal-familja. Il-prodotti tal-kontinenza QATT m'għandhom jiġu fflaxjati fit-tojlit .

### 6. Linjigwidi dwar il-Ħasil

Prodotti li jistgħu jerġgħu jintużaw għandhom jgħidulek fuq il-pakkett kif għandek taħsilhom meta tixtrihom. Tixtrix prodotti li tista' terġa' tużahom jekk m'għandekx magna tal-ħasil u dryer, jew ħabel barra fejn tonxor il-ħwejjeġ li hu faċli tilħqu. Minħabba l-karatteristika tagħhom li jassorbixxu, huma jieħdu aktar żmien biex jinxfu minn ħwejjeġ ta' taħt jew lożor normali, mela l-ewwel itlob kampjun.

## MIN IĦALLAS GĦALL-PRODOTTI TAL-KONTINENZA?

Il-prodotti tal-kontinenza jistgħu jqumu ħafna flus u fil-biċċa l-kbira tal-każi int stess ser ikollok tħallas għalihom.

Jekk tbati minn inkontinenza permanenti u severa, u tissodisfa kriterji oħra tal-eliġibilità, l-Iskema nazzjonali tal-Ħlas ta' Għajnuniet tal-Kontinenza tista' tgħinek tlaħħaq ma' xi wħud minn dawn l-ispejjeż tal-prodott tal-kontinenza.

Id-Dipartiment tal-Affarijiet tal-Veterani jimmaniġġja wkoll il-Programm tal-Apparat tar-Rijabilitazzjoni (the Rehabilitation Appliances Program )li tista' taċċessja jekk għandek Kard kulur id-Deheb jew Kard Bajda eliġibbli.

Barra minn dan, xi gvernijiet statali u teritorjali jipprovdu servizz biex jissapportjaw persuni li jbatu mill-inkontinenza, u dan jinkludi għoti tal-prodotti tal-kontinenza. Dawn is-servizzi ivarjaw minn stat għal ieħor, u jistgħu jinkludu assessjament, edukazzjoni u sapport tal-klijent.

Fil-biċċa l-kbira tal-każi int ser ikollok bżonn l-għajnuna mingħand professjonist tas-saħħa bħal tabib jew in-ners tiegħek tal-kontinenza biex taċċessja dawn is-servizzi.

Jekk tikkuntattja l-Linja Nazzjonali tal-Għajnuna bit-Telefown dwar il-Kontinenza int tista' tikseb parir dwar is-servizzi tal-kontinenza li tista' takkwista.

## ITLOB L-GĦAJNUNA

M'intix waħdek. Kontroll dgħajjef tal-bużżieqa tal-awrina jista' jkun mmaniġġjat aħjar jekk ikun ikkurat. Jekk ma tagħmel xejn, jista' jmur għall-agħar.

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar il-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina jew tal-imsaren, int tista' tikkuntattja lill:

Ċempel lill-Konsulenti Esperti li Jagħtu l-Pariri fuq il-Linja Nazzjonali tal-Għajnuna bit-Telefown dwar il-Kontinenza bla ħlas:

- tagħrif;
- parir; u
- fuljetti.

Fuq 1800 33 00 66 TELEFONATA BLA ĦLAS* (mit-8.00 am sat-8.00 pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa), jew

Żur din is-sit tal-web: www.bladderbowel.gov.au

Il-LInja tat-Telefown tal-Għajnuna tista' torganizza interpretu permezz tas-Servizz tal-Interpreti bit-Telefown (TIS) Jekk jogħġbok ċempel 13 14 50 mit-Tnejn sal-Ġimgħa u staqsi għall-Linja tat-Telefown tal-Għajnuna.

**Prodotti tal-kontinenza jistgħu jgħinuk timmaniġġja l-problemi tal-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina u tal-imsaren.**

* Telefonati minn telefonijiet tal-mowbajl jiġu ċċarġjati r-rati applikabbli.